MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2015

Numru. 260/2007

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs**

**Johann Delicata**

**(ID 86579(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Johann Delicata detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 86579(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Gunju 2005 u matul l-ahhar tlett xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, salv illi d-difiza talbet illi din il-Qorti terga' tisma' x-xhieda tal-imputat u tal-*Probation Officer* Mary Rose Farrugia;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fil-5 ta' Gunju 2005, ghall-habta tas-1.30 a.m., Pulizija mill-Iskawdra kontra d-Droga ossia PC 10 Trevor Cassar Mallia u PS 1086 Johann Micallef kienu qeghdin jaghmlu osservazzjonijiet fuq l-imputat gewwa Bugibba. L-istess zewgt Ufficjali tal-Pulizija raw lill-imputat miexi lejn *bar* jismu *The Cave*, hin wara hareg mill-istess *bar* u mar lejn il-vettura tieghu, fejn huma rawh jitbaxxa taht il-bieba tal-karozza u x'hin rega' beda miexi, waqqfuh u ghamlulu tfittxija. Fuq il-persuna tieghu, huma sabu erba' *sachets* bi trab abjad suspettat kokaina, fil-waqt illi taht ir-*running board* tal-vettura, taht il-bieba tax-xufier, sabu erbatax-il *sachet* ukoll bi trab abjad suspettat kokaina.[1]

[1] Xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia, a fol. 16 *et seq* tal-process; xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef, a fol. 28 *et seq* tal-process. Ritratti tal-boroz li gew elevati gew mehuda minn PS 198 Arthur Debattista u jinsabu annessi mar-relazzjoni tieghu u ta' PC 404 Paul Camilleri esebita a fol. 9 *et seq* tal-process verbal, li jinsab

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud[2], jirrizulta illi d-dokumenti analizzati minnu kienu jikkonsistu fis-segwenti:

a) borza tal-*plastic trasparenti* li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Data 5/06/05, Hin 1.30 a.m., Elevat/i minn gewwa 'running board' tal-karozza, fil-presenza ta' Johann Delicata, minn PS 1086, PC 10*", f'liema borza kien hemm zewg boroz zghar tal-*plastic* trasparenti – f'wahda minn dawn il-boroz kien hemm disa' boroz zghar tal-*plastic* bi trab abjad go fihom u fil-borza l-ohra, kien hemm hames boroz zghar tal-*plastic* bi trab abjad go fihom. Dan id-dokument inghata l-kodici tal-laboratorju 003/08/01.

b) borza tal-*plastic* trasparenti li fuqha kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Court Exhibit No. 05 202, Description erba' boroz kontenenti sustanza suspettata droga allegatament misjuba fuq il-persuna ta' Johann Delicata I.D. 86579(M) minn PS 1086, PC 10, Time/Date Seized/Produced 05/06/05, Seized/Produced by PC 404 Paul Camilleri*". F'din il-borza kien hemm borza tal-*plastic* trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "*Data 5/6/05, Hin 1.30 am, Elevat/i minn fuq il-persuna ta' Johann Delicata, fil-presenza ta' Johann Delicata, minn PS 1086, PC 10*" u erba' boroz zghar tal-*plastic* trasparenti li kien fihom trab ta' lewn abjad. Dan id-dokument inghata l-kodici tal-laboratorju 003/08/02.

Illi skond l-istess relazzjoni, fit-trab abjad li kien hemm fit-tmintax-il borza tal-*plastic* fid-dokumenti 003/08/01 u 003/08/02, f'ammont nett totali ta' 9.402 grammi, instabet is-sustanza kokaina u li cirka 55.3% tat-trab li kien hemm f'dawn il-boroz kien kokaina. Ukoll skond l-istess relazzjoni, il-pizijiet rispettivi fl-erbatax-il borza li kien hemm fid-dokument 003/08/01, kienu s-segwenti: 0.568 g, 0.589 g, 0.571 g, 0.306 g, 0.261 g, 0.587 g, 0.484 g, 0.582 g, 0.729 g, 0.594 g, 0.556 g, 0.676 g, 0.565 g u 0.586 g. Il-pizijiet rispettivi fl-erba' boroz fid-dokument 003/08/02 kienu s-segwenti: 0.549 g, 0.454 g, 0.230 g u 0.515 g.

---

esebit a fol. 15 tal-process. Skond din ir-relazzjoni, l-imsemmija *Scene of the Crime Officers* accedew gewwa l-ufficju tal-Ispettur Norbert Ciappara fil-5 ta' Gunju 2005 ghall-habta tas-2.15 a.m. sabiex jespletaw l-inkarigu lilhom moghti.

[2] A fol. 27 *et seq* tal-process.

Fix-xhieda tieghu tad-29 ta' Settembru 2008, wara li gie estiz l-inkarigu tieghu, l-Ispizjar Mifsud spjega *inter alia* illi kien hemm hdax-il borza li kellhom piz vicin xulxin ossia kellhom piz ta' 0.5 grammi 'l fuq. Il-medja tal-piz ta' dawn il-boroz kienet ta' 0.569 grammi u r-*relative standard deviation* ta' dawn il-pizijiet kienet 3.5, li hija devjazzjoni relattivament zghira.[3]

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar is-6 ta' Gunju 2005, wara li nghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem, imma dak li jghid jista' jingieb bhala prova, liema stqarrija huwa ghazel li ma jiffirmahiex[4] u ghazel ukoll illi jixhed f'dawn il-proceduri. Effettivament, l-istess imputat xehed darbtejn u cioe` darba quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta u darb'ohra quddiem din il-Qorti, kif preseduta, fejn fl-ahhar xhieda tieghu, huwa ghamel referenza ghall-ewwel xhieda tieghu u kkonfermaha u rega' ta l-verzjoni tieghu dwar il-fatti.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fl-ewwel lok, irid jinghad illi ghalkemm l-Ufficjali tal-Pulizija, PC 10 Trevor Cassar Mallia, PS 1086 Johann Micallef, l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Norbert Ciappara u anke l-imputat stess fix-xhieda tieghu tad-29 ta' Marzu 2010, xehdu illi dan l-incident sehh filghaxija, fis-6 ta' Gunju 2005, jirrizulta car mill-provi prodotti illi fil-fatt dan l-incident sehh fil-lejl ta' bejn l-4 ta' Gunju 2005 u l-5 ta' Gunju 2005, fis-sighat bikrija tal-5 ta' Gunju 2005. Ir-rapport tal-Ufficjal Investigatur fl-atti tal-process verbal jirreferi ghal-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Gunju 2005 u r-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officers* PS 198 Arthur Debattista u PC 404 Paul Camilleri tindika illi l-istess Ufficjali accedew fl-ufficju tal-Ispettur Ciappara fil-5 ta' Gunju 2005 ghall-habta tas-2.15 a.m. In oltre, it-*tags* fuq id-dokumenti analizzati mill-Ispizjar Mario Mifsud jirreferu ghal oggetti elevati minn PC 10 u PS 1086 minn fuq il-persuna tal-imputat u mill-vettura tieghu, fil-5 ta' Gunju 2005 fis-1.30 a.m. Mhux biss, izda l-istqarrija tal-imputat

[3] A fol. 32 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 12 tal-process.

ittiehdet fis-6 ta' Gunju 2005, fejn il-hin tal-bidu tal-istess stqarrija, huwa ndikat bhala 9.19. Ghalkemm ma hemmx indikazzjoni jekk din l-istqarrija ittehditx fil-ghodu jew fil-ghaxija, anke jekk ittiehdet fil-ghaxija, isewgi illi ma jistax ikun illi l-kaz sehh fis-6 ta' Gunju 2005, fil-ghaxija. Dan anke in vista tal-fatt illi fid-domandi tieghu l-Ufficjal Investigatur jirreferi ghal "*nhar is-sibt sbieh il-Hadd li ghadda*"[5] (u cioe` bejn is-Sibt, 4 ta' Gunju 2006 u l-Hadd, 5 ta' Gunju 2005) u ghalkemm id-domanda ma taghmilx prova, fit-twegiba tieghu ghal din il-mistoqsija l-imputat ma jindika bl-ebda mod illi ma kienx minnu illi l-kaz sehh fil-hin indikat mill-Ufficjal Investigatur. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti jirrizulta car illi dan il-kaz sehh fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Gunju 2005.

Jirrizulta car ukoll madankollu, illi minkejja li l-Ufficjali tal-Pulizija li xehdu f'dan il-kaz u li hadu sehem fit-tfittxija tal-imputat u l-arrest tieghu, indikaw id-data tal-incident bhala s-6 ta' Gunju 2005, m'hemmx l-ebda dubju mill-atti illi l-incident li xehdu dwaru u l-oggetti elevati minnhom, kienu proprju l-istess incident li fih elevaw l-istess oggetti mill-pussess tal-imputat fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Gunju 2005. Dwar dan *del resto* lanqas ma hemm xi kontestazzjoni da parti tad-difiza.

Stabbilit dan il-punt, il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-verzjoni moghtija mill-imputat dwar il-fatti tal-kaz.

L-imputat li kif inghad, anke xehed f'dawn il-proceduri, fl-ebda mument ma kkuntesta illi huwa nstab fil-pussess ta' tmintax-il borza li kienu lkoll jikkontjenu s-sustanza kokaina. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, mistoqsi ghalfejn kellu din id-droga fil-pussess tieghu, l-imputat jghid illi huwa jzomm dawn il-boroz fuqu u gewwa l-karozza ghaliex huwa juza l-kokaina, li gieli jkunu hu u shabu u hu jaqsam id-droga maghhom. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa jbiegh il-kokaina, l-imputat wiegeb illi huwa jaqsam il-kokaina ma' shabu u illi huwa ma jbieghx kokaina lil nies li ma jkunx maghhom. Sussegwentement, rega' qal illi huwa ma jaghtix kokaina lil nies li jitolbuh, izda jaqsamha ma' shabu li jkun

[5] A fol. 12 tal-process.

maghhom u li l-kokaina kienet maqsuma f'pakketti, sabiex ikunu jafu kemm il-wahda hadu. Mistoqsi min huma dawn shabu, l-imputat ma riedx isemmihom, izda nnega li dawn kienu fittizji jew li ma kinux jezistu. Mistoqsi dwar l-uzu tieghu mill-kokaina, huwa qal illi gieli kkonsma erba' grammi fil-gimgha, ghalkemm dan l-ahhar ma kienx qed jiehu erba' grammi u li kien jixtri l-kokaina bil-prezz ta' Lm35 il-gramma. L-imputat nnega illi huwa kien imur Bugibba fil-*weekends* u jitraffika l-kokaina gewwa diversi hwienet.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, kif preseduta,[6] l-imputat ikkonferma x-xhieda tieghu tad-29 ta' Marzu 2010[7] (moghtija minnu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta) u rega' ta l-verzjoni tieghu. Fix-xhieda tieghu tad-29 ta' Marzu 2010, l-imputat qal illi fil-lejl in kwistjoni, huwa kien qieghed gewwa *bar* f'Bugibba – *The Cave* - fejn kellu jiltaqa' ma' shabu ghaliex dakinhar hu u shabu kienu ser jiccelebraw il-fatt li wiehed minnhom kien ser jispicca mix-xoghol tieghu *part-time.* Huwa kien ghadu qed jistenna lil shabu ghaliex ma kienx wasal kulhadd, izda kienu ghadhom xoghol. Qal illi dakinhar kienu ser ikunu xi tmienja. Qal illi huwa kien gie arrestat xi zewg kantunieri l-boghod mill-istess *bar.* Dwar id-droga li nstabet fil-pussess tieghu, l-imputat qal illi jum qabel kienu ltaqghu hu u hamest ihbieb ohra u marru jixtru d-droga kokaina flimkien ghalihom, sabiex juzuwha l-ghada. Xtraw xi tmintax-il pakkett, li kienu diga` maqsumin f'pakketti meta xtrawhom. Marru gewwa l-garaxx ta' habib tieghu, pruvawha u accetta li jzomm id-droga huwa stess. L-ghada kien qed jistenna li jaslu shabu, u ghalhekk ma harigx id-droga kollha. Parti minn din id-droga kienet intiza ghalih. Dak iz-zmien, huwa kien ilu jabbuza mill-kokaina ghall-perjodu ta' madwar sitt xhur. L-erba' pakketti li nstabu fuqu kienu in parte tieghu u in parte ta' habib tieghu. Huwa ma riedx izomm id-droga kollha fuqu fil-*bar* u ghalhekk mar fil-karozza sabiex igib sehmu u sehem siehbu. Mistoqsi jekk kinux bdew juzaw minn din id-droga, huwa qal illi x'hin wasal, huwa stenna lill-ewwel wiehed jasal u mar igiblu d-droga. Qal illi din mhux l-ewwel darba li kien iltaqa' ma' dan il-grupp ta' hbieb, li kienu jiltaqghu f'dan il-*bar* wara li jispiccaw mix-xoghol u li lkoll kienu mizzewgin. Qal illi meta drabi ohra ghamlu l-istess haga, mhux dejjem l-istess nies kienu jzommu d-droga.

[6] A fol. 96 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 61 *et seq* tal-process.

Jekk haddiehor kien jispicca xoghol qablu, ma kienx izommha hu, izda kien izommha haddiehor ghaliex dan kien jasal qablu. Huwa qal illi ma riedx isemmi min kienu dawn il-persuni ghaliex bhala rizultat ta' dan il-kaz, martu kienet telqitu. Dan ghaliex hija saret taf illi huwa kien johrog ma' shabu minn wara daharha, mentri fil-fatt hija kienet tahseb li huwa kien ikun xoghol, apparti li saret taf li kien jabbuza mill-kokaina. Ghaldaqstant huwa ma xtaqx li shabu jghaddu minn dawn il-problemi wkoll. L-imputat innega illi huwa kien ikollu d-droga kokaina biex ibieghha u qal li dak iz-zmien il-paga tieghu kien jonfoqha fuq il-kokaina. Qal illi wara dan il-kaz, huwa fittex l-ghajnuna mill-*Caritas*, irrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u beda jiehu sehem attiv f'diversi sport.

In kontro-ezami, l-imputat qal illi kienu ser jiltaqghu tmienja min-nies u li ma riedx jidentifikahom biex ma jgibhomx fl-inkwiet. Qal illi d-droga kienet inxtrat minnu u minn hamsa ohra, fil-jum ta' qabel, wara l-5.00 p.m. u li kienu b'vettura wahda. Qal illi dakinhar tal-arrest tieghu, huwa gie arrestat barra, il-pulizija ma dahlux fil-*bar*, li l-*bar* kien mimli nies u li huma kienu ser ikunu tmienja u kienu miftehmin li jiltaqghu hemm.

Fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2013, rega' xehed l-imputat. Huwa qal illi dakinhar kellhom jitlaqghu grupp ta' tmint ihbieb ghax wiehed minnhom kien ser jispicca mix-xoghol tieghu *part time* u ftehmu, kif ghamlu drabi ohra, li jixtru d-droga minn qabel. L-imputat qal li ltaqghu l-Hamis, kienu tlieta u xtraw id-droga u peress illi huwa kien l-ewwel wiehed li kien ser jasal fuq il-post dakinhar li kienu ser jiltaqghu ghaliex kien ser jispicca kmieni mix-xoghol, zamm id-droga hu. Kellhom jiltaqghu gewwa l-*Cave Bar* f'Bugibba u qabel gie arrestat kien proprju f'dan il-*bar.* Qal illi huwa u shabu kienu jiltaqghu bil-mohbi tan-nisa taghhom wara l-hin tax-xoghol u jiehdu d-droga u din id-darba kienu ltaqghu l-*Cave Bar*. Dan il-hrug kien isir xi darbtejn fix-xahar u generalment kienu jiltaqghu gewwa dan il-*bar* ghaliex hafna minnhom kienu jahdmu Bugibba. Dakinhar bdew jiltaqghu hu u shabu ftit ftit ghaliex mhux kulhadd kien ser jispicca mix-xoghol fl-istess hin. Kienu hu u tlieta ohra meta marru jixtru d-droga u xtraw tmintax-il pakkett, izda kienu ser ikunu tmienja u xtraw ghal haddiehor ukoll. Kien hemm drabi fejn ma kienx hu li mar jixtri izda marru

l-ohrajn, izda dakinhar marru erbgha min-nies f'daqqa u xtraw id-droga ghal kulhadd. Qal illi ma kienx imur wiehed jixtri wahdu biex ma jkunx hemm dubbji li hemm id-droga nieqsa u biex ma jinqalax glied. F'hin minnhom jghid li din kienet l-ewwel darba li mar jixtri hu flimkien mal-ohrajn, izda wara jghid li huwa gieli mar jixtri qabel, ghalkemm jghid ukoll illi gieli xtara ghalih biss. Dwar l-erba' pakketti li nstabu fuqu, l-imputat jghid illi dawn kienu tieghu u ta' habib tieghu li kien wasal u li kien ser jaghtih sehemhu. Il-bqija kien hallihom fil-karozza sabiex hekk kif dawn jaslu, huma jiehdu sehemhom. Peress illi dawn kienu ghadhom ma waslux, huwa ma riedx izommhom kollha fuqu. Dak il-hin li gie arrestat, kien ghadu wasal wiehed biss u hu kien mar fil-karozza biex igiblu sehmu. Skond hu, kien ghalhekk li nstabulu erba' pakketti fuqu – tieghu u tal-habib tieghu. Meta dahal fil-*bar* wahdu, huwa kellu tnejn fuqu u diga` kien beda jabbuza minn din id-droga x'hin wasal fil-*bar.* Huwa jghid li kien diga` beda jikkonsma d-droga minn zewg pakketti u skond hu, kien ghalhekk li kien hemm inqas f'xi whud mill-pakketti. Qal illi sakemm gie arrestat huwa kien diga` ilu xi saghtejn u nofs fil-*bar*. Qal illi meta kienu jixtru d-droga ghal haddiehor, bhal jum ta' qabel, huma kienu marru go garaxx ta' wiehed minnhom u ppruvawha u mbaghad zamm id-droga hu. Qal illi huwa kien halla d-droga fuq barra tal-vettura tieghu, sabiex shabu jkunu jistghu jgibu d-droga huma mill-istess vettura, minghajr il-htiega ta' cavetta u li gieli hallew id-droga fir-rimmijiet ghall-istess raguni.

In kontro-ezami, l-imputat spjega illi hu u shabu kienu jikkunsmaw id-droga billi jidhlu wiehed wiehed fit-*toilet*, ghalkemm mhux l-ewwel darba li dahlu tnejn jew tlieta flimkien. Qal illi huwa kien jevita li jidhol ma' haddiehor, ghalkemm gieli dahal ma' haddiehor ukoll.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Bazikament il-Qorti hija rinfaccjata min-naha l-wahda, bit-tezi tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi tenut kont tal-fatt illi l-imputat instab fil-pussess ta' tmintax-il borza bil-kokaina, fil-maggor parti taghhom tal-istess piz u tenut kont tal-post fejn gie

mwaqqaf l-imputat bid-droga, kif ukoll illi baqa' ma identifika qatt lil dawn shabu li skond hu kien ser jiltaqa' maghhom biex ilkoll jikkunsmaw din id-droga flimkien, allura skond il-prosekuzzjoni, l-imputat kellu l-pussess aggravat tal-istess droga. Min-naha l-ohra, skond id-difiza, fil-waqt illi taqbel illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat kienet intiza mhux biss ghall-uzu esklussiv tieghu, biss jezistu c-cirkostanzi kollha biex tiskatta l-applikazzjoni tal-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk dan kien kaz semmai ta' *sharing.*

Fl-ewwel lok, il-Qorti ma temminx illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat kienet intiza kollha ghall-uzu personali tieghu u <u>din *del resto* hija wkoll il-verzjoni tal-imputat</u>. L-imputat fl-istqarrija tieghu jghid illi gieli anke ha erba' grammi eroina f'gimgha, ghalkemm f'dawk iz-zmenijiet, ma kienx qed jikkonsma din il-kwantita`. Tenut kont illi nstabu ben tmintax-il pakkett fil-pussess tieghu, b'piz nett totali ta' 9.402 grammi, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi dik id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Mhux biss izda l-introjtu tal-imputat fiz-zmien in kwistjoni, qajla seta' jippermettilu illi jixtri dak l-ammont tad-droga esklussivament ghalih. Kemm fl-istqarrija tieghu, kif ukoll fix-xhieda tieghu, huwa jghid illi kien idahhal madwar Lm560 f'xahar jew kull erba' gimghat, mentri kien jixtri d-droga bil-prezz ta' Lm35. Ma jghidx jekk dan kienx il-prezz ta' gramma kokaina jew ta' pakkett, izda anke jekk wiehed jiehu l-kalkolu l-izjed favorevoli ghall-imputat u jassumi li hawn si tratta ta' gramma, dan ifisser illi d-droga in kwistjoni swietu madwar Lm350.

Dwar il-verzjoni tal-imputat, imbaghad, il-Qorti tinnota illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa kien pjuttost xott fid-dettalji li huwa ta dwar id-droga li nstabet fil-pussess tieghu, meta wiehed jikkompara din l-istqarrija max-xhieda sussegwenti tieghu, u fil-fatt imkien f'din l-istqarrija ma jghid illi d-droga kien akkwistaha flimkien ma' shabu. Anzi fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa ma jbieghx kokaina lil nies li ma jkunx maghhom, izda jaqsam il-kokaina ma' shabu. Minn hawn ma jirrizultax illi l-imputat kien jixtri d-droga flimkien ma' shabu, izda pjuttost il-Qorti tifhem illi huwa kien jakkwista d-droga ghalih u ghal shabu u li ghalhekk, imbaghad, kien jaqsamha maghhom. Kif inghad, l-

imputat instab f'pussess ta' ammont ta' kokaina, li certament ma kinitx intiza ghal uzu esklussiv tieghu. Huwa minnu illi stante illi l-pulizija li arrestaw lill-imputat ma segwewx l-arrest tieghu b'investigazzjoni gewwa l-*bar* li kien ghadu kif hareg minnu l-imputat ftit qabel l-arrest tieghu, il-Qorti m'ghandha quddiemha l-ebda prova li tikkorrobora l-verzjoni tal-imputat illi huwa kien qieghed ma' shabu fl-istess *bar*, kif lanqas madankollu m'ghandha prova li tikkontradici din il-verzjoni. Biss tlett punti li fil-fehma tal-Qorti jitfghu dubju fuq il-verzjoni tal-imputat illi huwa kien xtara d-droga in kwistjoni flimkien ma' shabu, hija fl-ewwel lok, il-fatt illi fil-waqt illi fl-ewwel xhieda tieghu, l-imputat jghid li kienu sitta min-nies meta akkwistaw il-kokaina, fit-tieni xhieda tieghu, huwa l-ewwel jghid illi kienu tlieta min-nies, imbaghad mumenti wara jghid li kienu erbgha. Fit-tieni lok, il-Qorti ssib ferm stramb illi sitta min-nies (skond l-ewwel xhieda tieghu) jew tlieta jew erbgha min-nies (skond it-tieni xhieda tieghu) jmorru lkoll flimkien sabiex jakkwistaw id-droga, meta huwa evidenti li izjed ma jkun kbir l-ammont ta' nies, izjed jaghtu fil-ghajn. Fit-tielet lok, il-Qorti ma ssibx konvincenti r-raguni moghtija mill-imputat ghaliex ghazel li jzomm id-droga hu – skond hu ghaliex huwa kien ser jasal l-ewwel fuq il-post – u ghalhekk ha dak ir-riskju kollu, meta fil-fatt ma kien hemm xejn li jzomm lil shabu li suppost kienu qeghdin mieghu fil-mument tal-akkwist, li jiehdu almenu sehemhom mid-droga, bil-konsegwenza li r-riskju ghall-imputat kien jonqos ferm. Ghalhekk mehud dan kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti ghandu dubju dwar kemm l-imputat kien verament ma' shabu meta xtara d-droga kokaina li sussegwentement instabet fil-pussess tieghu.

Biss anke li kieku l-Qorti kellha temmen il-verzjoni tal-imputat, huwa jghid illi shabu u hu – kif inghad, skond l-ewwel xhieda tieghu, kienu hu u hamsa ohra u skond it-tieni xhieda tieghu, kienu tlieta jew erbgha min-nies - marru jixtru d-droga kokaina jum qabel, sabiex l-ghada jikkonsmawha flimkien gewwa *bar* f'Bugibba u li f'din l-okkazzjoni kienu ser ikunu tmienja min-nies. Imbaghad peress illi kien hu li ser jasal l-ewwel fuq il-post fil-jum li kienu ser jiltaqghu, ossia fil-lejl in kwistjoni, huwa accetta li jzomm id-droga, biex minnha imbaghad ikun jista' jaghti lil shabu.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea** u **Il-Pulizija vs Russell Bugeja**, it-tnejn decizi fil-5 ta’ Mejju 2008, fejn il-Qorti fliet bir-reqqa l-elementi ta’ *sharing* kif ikkontemplat fil-*proviso* ghas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dik il-Qorti qalet hekk:

*“Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta’ bejgh jew traffikar ta’ droga bi ksur tad- disposizzjonijiet ta’ l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta’ prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-rizultat ta’ din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta’ tali bejgh jew traffikar trid dejjem tigi applikata l-piena ta’ prigunerija u ta’ multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f’dan il-kaz, trattandosi ta’ proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta’ sitt xhur prigunerija u multa ta’ Euro 465.87. L-ewwel proviso ghal dan is-subartikolu gie introdott … bl-Att XVI ta’ l-2006, u jipprovdi hekk:*

***“Izda meta, dwar xi reat imsemmi f’dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta’ persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta’ kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f’dak l-istess post flimkien ma’ ohrajn, il-Qorti tista’ tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu…”*** *(sottolinear ta’ din il-Qorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x- xorta ta’ medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma’ ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem “flimkien” u “fl-istess post” jissottolineaw l-element ta’ komunanza – dak*

*li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."*

Issa, fil-kaz in dizamina, kif inghad, l-imputat jghid illi fil-jum ta' qabel, huwa xtara id-droga kokaina flimkien ma' xi whud minn shabu, kemm ghalih u ghal dawk li kienu mieghu, kif ukoll ghal shabu ohrajn li kienu ser jiltaqghu maghhom l-ghada. Dan ifisser illi ghalkemm skond il-verzjoni tieghu, it-tmintax-il pakkett tal-kokaina in kwistjoni kienu ser jigu kkunsmati fl-istess post mill-imputat u minn shabu, huwa nieqes wiehed mill-elementi ta' *sharing* kif spjegat fil-bran hawn fuq citat. L-imputat jghid car u tond fit-tieni xhieda tieghu illi meta nxtrat id-droga kokaina, hu u shabu xtraw id-droga ghalihom u ghal haddiehor ukoll. Fi kliem iehor, l-imputat u shabu li kienu prezenti mieghu, xtraw il-kokaina mhux biss ghalihom, izda wkoll ghal shabhom ohrajn li kellhom jiltaqghu maghhom l-ghada, ghalkemm l-intenzjoni jidher li kienet li l-kokaina tigi kkunsmata minnu u minn shabu kollha fl-istess post. Ma kienx ghalhekk il-kaz li l-imputat kien bi hsiebu jaqsam il-kokaina li kellu ghall-uzu tieghu jew li kienet intiza ghalih ma' shabu, jew li offra mill-kokaina li kienet hekk intiza ghalih lil shabu, ghaliex *a priori* huwa u ohrajn, xtraw il-kokaina mhux biss ghalihom, izda wkoll ghal haddiehor u sussegwentement zammha hu, bl-intenzjoni ghalhekk li l-ghada jipprovdi lil shabu (kemm dawk li kienu mieghu meta nxtrat, kif ukoll ohrajn) bil-kokaina li kienet inxtrat appozitament ghalihom. Fil-fehma tal-Qorti, dawn ic-cirkostanzi ma jammontawx ghal *sharing* kif ikkontemplat mil-ligi u konsegwentement m'huwiex applikabbli l-*proviso* ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jinghad ukoll illi ghalkemm ma jirrizultax mill-provi illi l-imputat lahaq prokura d-droga lil haddiehor qabel il-waqt tal-arrest tieghu, biss jirrizulta car, skond il-verzjoni tieghu, illi huwa kien offra li jaghmel dan, tant li kif inghad, huwa (ukoll jekk kien flimkien ma' ohrajn) akkwista l-kokaina anke ghal haddiehor. Fit-termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, <u>li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti</u>, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*" [sottolinear mizjud]

Dan ifisser illi d-definizzjoni ta' traffikar fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tinkludi l-att ta' min joffri li jipprovdi d-droga. Ghalhekk bil-fatt <u>biss</u> illi l-imputat offra li jipprovdi d-droga kokaina lil haddiehor, indipendentement minn dak li seta' gara jew ma garax wara dan u independentement ghalhekk minn kemm kellu success o meno f'dan ir-rigward, ghal fini tal-ligi, huwa traffika d-droga kokaina. Kif inghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Ronald Psaila**</u>, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza fl-istess ismijiet tat-8 ta' Jannar 2002 (Appell Nru. 187/2001):

"*Minn din id-disposizzjoni tal-ligi johrog car li r-reat ta' Traffikar jikkonfigura anki jekk persuna **toffri** li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikata f'dan l-Artikolu. Fit-test ingliz, il-kelma "joffri" hija trodotta bil-kelma "offer". Issa stante li ma hemmx fl-Ordinanza definizzjoni ta' din il-kelma, allura ghall-finijiet ta' interpretazzjoni, din ghandha tittiehed fis-sinifikat ordinarju taghha, u cioe` li, spontaneament jew fuq rikjesta, direttament jew indirettament, <u>**persuna**</u>*

***turi**, bil-fatt jew bil-kliem, id-disponibilita` taghha li taghmel wahda mill-azzjonijiet indikati.*

*In propositu huma interessanti l-osservazzjonijiet maghmula fil-Blackstone Criminal Practice 2001 – (11th Ed. B20.29) fuq l-interpretazzjoni tal-frasi "**Offering to Supply**" kontenuta fil-Misuse of Drugs Act 1971 s. 4. "**An offer may be made by words or conduct … Whether the accused intends to carry the offer into effect is irrelevant; the offence is complete upon the making of an offer to supply**" (vide kazistika indikata – pg. 776)."*

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni, fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat, li kienet netta fiz-zmien tar-reati in kwistjoni u li kienet netta wkoll fiz-zmien li gie mhejji *Social Inquiry Report* da parti tal-Ufficjal tal-*Probation.*

Qieset ukoll ix-xhieda u r-rapport tal-Ufficjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia[8], mil-liema jirrizulta illi wara dan il-kaz, l-imputat rega' bena hajtu mill-gdid, li b'konsegwenza ta' dan il-kaz, huwa spicca ssepara minn ma' martu ghaliex martu ma kinitx taf li l-imputat kien jabbuza mill-kokaina, dahal f'relazzjoni ohra li baqghet wahda stabbli, fittex l-ghajnuna mill-Agenzija Caritas u rrijabilita ruhu kompletament mill-vizzju tal-kokaina, tant illi l-kampjuni kollha tal-urina li kien ihalli gewwa l-Agenzija Caritas, kollha rrizultaw fin-negattiv ghall-uzu ta' sustanzi illeciti. In oltre l-imputat rega' beda jiehu sehem attiv fl-isport u zamm l-istess impjieg li kellu fiz-zmien tal-kaz odjern. L-istess Ufficjal

[8] *Social Inquiry Report*, esebit a fol. 51 *et seq* tal-process.

tal-*Probation* aggornat ukoll ir-rapport taghha billi regghet zaret id-dar tal-imputat u anke regghet iltaqghet mieghu wara Ottubru 2013. Fix-xhieda taghha tas-16 ta' Dicembru 2013[9], hija qalet illi zewg testijiet li saru fuq kampjuni tal-urina tal-imputat irrizultaw fin-negattiv ghall-uzu ta' sustanzi illeciti, li r-relazzjoni mas-siehba tieghu ilha ghaddejja seba' snin u hija wahda stabbli u li l-imputat anke zamm l-istess impjieg li kellu meta gie redatt is-*Social Inquiry Report.* Qalet ghalhekk illi l-progress fil-hajja tal-imputat kien jidher b'mod car.

Il-Qorti qieset ukoll mill-banda l-ohra l-ammont ta' droga kokaina li nstabet fil-pussess tal-imputat, li l-imputat kellu fil-pussess tieghu tmintax-il borza, bi trab b'piz nett totali ta' 9.402 grammi u li dan it-trab kellu purita` ta' cirka 55.3% ghas-sustanza kokaina.

Qieset ukoll illi dan il-kaz jirrisali ghal Gunju tas-sena 2005, li l-imputat dejjem attenda ghas-seduti mizuma quddiem din il-Qorti, meta kien notifikat biex jaghmel dan u illi fil-maggor parti, id-dewmien f'dawn il-proceduri ma kienx dovut ghal ragunijiet imputabbli lill-imputat.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, fis-sens illi qeghda tqis ir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

[9] A fol. 93 *et seq* tal-process.

qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **tminn (8) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro (€900)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din il-data mal-awtoritajiet tal-habs. Pero` jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti m'hijiex qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi dan il-kaz jirrisali ghas-6 ta' Gunju 2005 u allura qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tas-sena 2005 li emenda l-imsemmi Artikolu 533[10] u stante illi l-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju m'ghamlet talba ghall-hlas tal-ispejjez, kif kien jirrikjedi l-Artikolu 533, qabel id-dhul fis-sehh tal-imsemmi Att.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li jinsabu esebiti mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, Dokument MM, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

[10] L-imsemmi Att gie fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 286 tas-sena 2005, fil-15 ta' Awwissu 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------